MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 129/2009

**Appell Nru. 129/09**

**Il-Pulizija**
**(Supt. B. Mula)**
**(Spt. M. Sammut)**

**Vs**
**George Farrugia**

**Illum 17 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 554160 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer :-
1. fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Dicembru, 2003, f'xi hin bejn il-11.30 p.m. u l-00.30 a.m. gewwa l-istabbiliment Remedies ta' Triq Wilga, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna w

cioe’ lil Wayne-Anthony Caruana, jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi permezz ta’ strument li jaqta’ w bil-ponta (flixkun tal-hgieg imkisser), ta daqqa f’parti vitali tal-persuna tal-imsemmi Wayne-Anthony Caruana, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta’ strument li jaqta’ w bil-ponta (flixkun tal-hgieg imkisser), ikkaguna ferita ta’ natura gravi liema offiza setghet iggib periklu ghal hajja tal-imsemmi Wayne-Anthony Caruana, jew giet maghmula b’ferita li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond ma cerbalment qalu t-tobba tal-isptar San Luqa;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ diversi hwejjeg ta’ Wayne-Anthony Caruana, liema hsara hi fl-ammont li ma jiskorrix il-hamsin Lira Maltin (LM50), imma izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) ghad-dannu ta’ l-imsemmi Wayne-Anthony Caruana;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b’ghajjat u bil-glied;

5. irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 billi huwa kien gie misjub hati w hu ikkundannat ghal diversi reati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 t’April, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 221, 338(dd) u 17(d) tal-Kap. 9, sabet lill-appellat hati talli fil-gurnata w hin indikati fl-akkuza kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Wayne Anthony Caruana w li kiser il-bon ordni w il-paci pubblika w ikkundannatu multa ta’ €200.

Il-Qorti kkoncediet lill-appellat zmien tlett xhur altrimenti konvertibbli bil-€11.65 ghal kull amont li jibqa mhux imhallas.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 t'April , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :
1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet akkuza w cioe' ta' hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' Wayne Anthony Caruana;
2. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tar-raba' akkuza w cioe' ta' ksur tal-bon ordni q il-paci pubblika;
3. thassarha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati li kkaguna fuq il-persuna ta' Wayne Anthony Caruana offiza ta' natura hafifa;
4. thassarha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' multa ta' €200;
5. u minflok issib lill-appellat hati skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu(senjatament dik ta' tentattiv ta' offiza gravissima).

Alternattivament f'kaz li din il-qorti ma taqbilx mal-argument ta' l-appellant relattivament ghall-htija ta' l-appellat tar-reat ta' tentattiv ta' offiza gravissima, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :
1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Wayne Caruana w li kiser il-bon ordni w il-paci pubblika;
2. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet akkuza w cioe' ta' hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' Wayne Anthony Caruana;
3. thassarha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet lill-appellat piena ta' €200;
4. u minflok tinfliggi l-piena idonea kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi ghandu jinghad minnufih illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-mod kif l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-appellat Geoge Farrugia kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Wayne anthony Caruana izda minghajr ma qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

a) Il-gurisprudenza nostrana ddikjarat diversi drabi li l-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa w ta' importanzi zghira, hafifa, gravi jew gravissima, bhala wahda ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt u li ghalhekk ma hix kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq opinjoni medika. Ghalhekk dan kollu jimplika illi biex il-Qorti tiddetermina n-natura ta' l-offiza ghandha tiehu in konsiderazzjoni mhux biss l-opinjoni medika, izda wkoll dak kollu li rrizulta mill-provi.

b) Fil-kaz in kwistjoni w mill-provi prodotti rrizulta bic-car illi l-appellat George Farrugia fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Dicembru 2003 u s-6 ta' Dicembru 2003 waqt li kien qieghed gewwa l-istabbiliment "Remedies", Paceville, ghal xejn b'xejn ta daqqa bi flixkun imkisser lil Wayne anthony Caruana w minhabba din id-daqqa Wayne Anthony Caruana garrab offiza fis-*supra pubic region* u li ghalhekk din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-azzjoni kriminuza tal-appellat George Farrugia.

c) Wiehed ghandu jirrimarka illi meta Wayne Anthony Caruana ittiehed l-isptar San Luqa gie medikat u operat mit-tabib victor Sultana minhabba l-ferita li kellu. Din il-ferita giet ikklassifikata bhala wahda ta' natura hafifa slav kumplikazzjonijiet. It-tabib Sultana meta tela' jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, specifika illi l-ferita per se ma kienitx gravi pero' seta' kellha konsegwenzi serji w gravi li kieku intmiss il-bladder jew il-musrana l-kbira. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti spjegat li ma hiex sodisfacjentament konvinta li l-appellat kien ifforma xi intenzjoni specifikata li jikkaguna lill-parti leza xi ferita gravi ghalkemm bl-agir tieghu deher li ried jikkaguna xi hsara fuq il-persuna tal-parti leza. Fl-umli fehma tal-appellant din il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti hija zbaljata jekk wiehed janalizza w jifli bir-reqqa ic-cirkostnazi kollha ta' dan il-ka. Hawnhekk l-appellant jixtieq jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-

Appel Kriminal Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri 8/2/2002.

d) fil-fatt jekk wiehed japplika l-elementi msemmija f'dan il-paragrafu ghal kaz odjern isib illi l-appellat ikkaguna l-offiza fuq il-persuna ta' Wayne Anthony Caruana bil-flixkun imkisser (strument li jaqta' jew iniggez) liema daqqa giet indirizzata lejn parti vitali tal-gisem u cioe' taht iz-zaqq jew *supra pubic region.* Tant din id-daqqa setghet keient ta' perikolu ghal vittma illi Wayne Anthony Caruana kellu jigi operat mit-tabib Victor Sultana w li dan l-istess tabib xehed illi l-konsegwnezi setghu kienu hafna aktar gravi. Ghandu jigi rilevat ukoll illi minhabba din l-offiza kawzata mill-appellat u l-konsegwnezi intervent kirurgiku Wayne Anthony Caruana ghandu cikkatrici fis-*supra pubic region* twila 7.3 cm u wiesgha 0.8 cm u li din ic-cikkatrici hija marka permanenti kif gie kontestat mill-espert forensiku Dr. Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu.

e) Ghalhekk jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-oggett li ntuza fil-kommissjoni tar-reat kif ukoll il-parti tal-gisem fejn inghatat id-daqqa hawhekk ghandha l-manifestazzjoni cara ta' l-intenzjoni specifika da parti tal-appellat, awtur ta' dan id-delitt, li almenu jikkaguna offiza ta' natura gravi. Di piu' l-mezz uzat f'dan ir-reat u cioe' flixkun imkisser kien certament idoneu sabiex jikkaguna tali offiza gravi. Huwa pacifiku illi mill-aspett mediku din l-offiza li garbet il-vittma hija wahda ta' natura hafifa pero' jekk wiehed jiehu in konsiderazzjini ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inklux li din l-aggressjoni saret ghal xejn b'xejn, ir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna jikkonfigura perfettament. Dan gie issostanzjat ukoll mit-testimonjanza li ta x-xhud okulari PC 301 Warren Vella li fil-hin ta' l-incident kien fl-istabbiliment "Remedies" u ra b'ghajnejh x'gara.

f) Din it-testimonjanza ta' dan ix-xhud okulari juri bic-car illi mhux biss l-appellat ta daqqa bi flixkun miksur lil Wayne Anthony Caruan izfa sahansitra baqa' jimbottah sakemm waqghu ma' l-art. Din id-dinamika ta' kif sehh dan ir-reat u kif ukoll l-istrument li ntuza (flixkun imkisser) kollha jindikaw illi l-intenzjoni ta' l-appellat ma kienitx semplicement li jikkaguna xi hsara generika fuq il-persuna ta' Wayne Anthony Caruana izda li specifikatament

almenu jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-parti leza. It-testimonjanza ta' PC 301 giet ikkorroborata mill-vittma Wayne Anthony Caruana stess meta dan iddepona quddiem l-Ewwel Qorti.
g) Dan l-agir barbaru da parti tal-appellat qatt ma jista' jigi tollerat f'socjeta' civili w ghalhekk stante li huwa censurabbli bl-aktar mod sever, dik il-Qorti kellha mhux biss issib htija fl-appellat tal-kommissjoni tar-reat ipotizzat mill-Avukat Generali, izda kellha wkoll tirrifletti tali censura fil-piena li kellha tinfliggi.
2) Illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti zgur li ma tirriflettix il-gravita' ta' dan il-kaz fejn il-Qrati ghandhom l-obbligu li jzommu f'mohhom il-gid tas-socjeta' in generali, w li jkunu severi f'dan ir-rigward biex il-piena sservi principalment ta deterrent.
a) Illi l-peina li giet inflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda fil-parametri tal-ligi pero'dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li meta jkun hemm aggressjoni fizika w vjolenti fuq il-persuna, sentenza ta' piena karcerarja effettiva hija l-iktar wahda ndikata w idonea. f'dan il-kaz giet inflitta piena pekunjarja ta' €200 li certament ma tirriflettix is-serjeta' ta' dan il-kaz.
b) Dan qed jinghad ukoll ghaliex nonstante li l-appellat gie addebitat bl-imputazzjoni tar-recidiva w li fl-atti ta' din il-kawza giet esebita l-fedina penali ta' l-appellat, li tikkonsisti f'erbgha w ghoxrin faccata, l-Ewwel Qorti tidher illi naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-antecedenti penali ta' l-appellat meta giet biex tikkalibra w teroga l-piena. Fl-atti ta' din il-kawza l-prosekuzzjoni esebiet xejn inqas minn sitt sentenza fil-konfront tal-appellat u ghal kull wahda minnhom saret ukoll il-prova ta' l-identita'. Allura hawnhekk minn naha tal-prosekuzzjoni saret l-aqwa prova rigward l-addebitu tar-recidiva. kif gie ddikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-appell Kriminali [Il-Pulizija vs George Farrugia – 18/1/2001] fl-ikkalibrar tal-piena ikun hemm kwazi obbligu fuq il-Qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza, haga li kjarament ma sarx f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi bejn il-lejl tal-5 u s-6 ta' Dicembru, 2003 il-pulizija gew infurmati illi gewwa l-istabbiliment Remedies f'Paceville, San Giljan, kienet sehhet glieda b'konsegwenza ta' dan certu Wayne Anthony Caruana safa ferut f'zaqqu. Irrizulta illi gewwa l-istabbiliment kien ghaddej kuncert u waqt dan il-kuncert safa aggredit minn persuna ohra, u cioe' George Farrugia l-appellat, b'daqqa ta' flixkun imkisser. B'Sentenza moghtija fit-2 ta' April, 2009 il-Qorti tal-Magistrati sabet biss lill-appellat hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa u li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika u kkundannti ghall- piena ta' €200.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza li minnha nterpona appell. L-agravji tieghu huma principalment illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provri li tressqu quddiemha, wkoll ghamelt zball fil-ipotesi tal-Ligi meta giet biex tinfliggi l-piena skont il-Ligi.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-ferita mill-att legali ma kienetx wahda serja, pero' kien jenhtieg illi jisr intervent kurirgiku illi halliet cikattrici f'nofs iz-zaqq li kellha tarf laterali tax-xellug 4.7 cm bin-nofs. Din ic-cikattrici kienet 17 –il centimetru 'l isfel mill-umbilicus u li kienet se thalli marka permanenti. Id-dinamika ta' l-incident kien daqsxejn stramb il ghaliex l-appellat avvicina lil Wayne Anthony Caruana b'mod determinat bi flixkun miksur f'idejh ghal xejn b'xejn, minghajr ma Caruana ghamel l-icken provakazzjoni sabiex jikkawza din it-tip ta' rejazzjoni minn ghand l-appellat.

Il-Qorti tal-Magistrati wkoll irrimarkat illi l-appellat avvicina lil Caruana ghal xejn b'xejn billi gera fid-direzzjoni tieghu u tah daqqa ta' flixkun imkisser fir-regjun tas-suprapubic u kompliet tghid li mil-provi jirrizulta wisq car li kien l-appellat li minghar ma kien qatt ipprovukat mill-parti lesa kkagunalu, permezz ta' flixkun, il-ferita li kienet tirrikjedi ntervent kirurgiku.

Dak il-hin fl-istabbiliment inzerta illi kien hemm xhud okulari PC 301 Warren Vella li qal *"... smajt hoss ta' flixkun jinkiser. Meta harist rajt lill-imputat li qieghed naghraf prezenti fl-Awla bi flixkun imkisser f'idejh. Hemm hekk l-imputat rajtu jhebb ghal Wayne Anthony Caruana .... jiena lill-imputat rajtu miexi fid-direzzjoni ta' dan Caruana, rajtu jaghtih daqqa bi flixkun imkisser f'zaqqu u rajt ukoll lill-imputat wara li ta d-daqqa bil-flixkun jimbotta li dan Caruana lejn il-hajt u mbaghad hemm dana waqa' ma l-art."* Warren Vella jkompli jghid illi huwa ra lill-imputat jimbotta lil Caruana bl-istess id illi biha kien ta d-daqqa bil-flixkun miksur. Din ix-xhieda turi bic-car certa determinazzjoni minn naha ta' l-appellat illi ma kienx sodisfatt illi jaghtieh daqqa bi flixkun miksur imma sahansitra baqa' jimbuttah sakemm waqqghu ma l- art. Din il-Qorti hawnhekk taqbel mal-konkluzjoni ta' l-Avukat Generali illi dana jindika illi l-intenzjoni ta' l-appellat ma kienetx sempliciment li jikkaguna xi hsara generika fuq il-persuna ta' Wayne Anthony Caruana izda li specifikament jikkaguna offiza ta' natura gravi fuqu.

Il-parti lesa jghid illi l-appellat laqtu taht iz-zokra. Hemmhekk hass daqqa kbira u gie dahru ma l-ixkaffa jigifieri tefghu zewg passi lura. Il-fatt illi r-rizultat ta' din l-agressjoni barbaru halliet ferita ta' natura hafifa ma jfissirx illi l-appellat ma setax kellu l-intenzjoni dak il-hin illi jikkawza ferita gravi. Kif qalet il-kawza Il-Pulizija vs Mariano sive' Mario Camilleri deciza fit-8 ta' Frar, 2002 il-Qorti qalet *"Il-fatt li r-rizultat finali kien biss offiza ta' natura hafifa ma jfissirx necessarjament illi ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika illi wiehed jikkaguna offiza gravi, jekk kienx hemm jew le t-tali ntenzjoni hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l-fatti f'dan il-kaz il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom ( forsi l-aktar importanti) tan-natura ta' l-isturment uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-isturment."* L-isturment illi uza l-appellat George Farrugia kien flixkun imkisser illi jikkwalifika bhala arma fis-sens tal-Ligi u kien indirizzat lejn taht iz-zaqq fejn l-aktar li seta' jaghmel hsara. Il-mod determinat kif l-appellat resaq lejn Caruana, tah id-daqqa ghal xejn b'xejn, imbuttah mal-hajt u tefghu

ma' l-art waqt li qed izomm f'idejh il-flixkun imkisser juri bic-car id-determinazzjoni li kellu l-appellat illi jikkawza ferita ta' natura gravi lil Caruana li kellu jigi sottomess ghall- intervent kirurgiku biex tigi kkurata l-ferita illi giet ikkawzata mill-appellat.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-appellat kellu jinstab hati ta' tentattiv ta' offiza gravi fil-kuntest ta' l-Artiklu 217 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-Qorti jidhrilha illi mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta' dan il-kaz, illi l-appellat ghal raguni ta' xejn, minghar provokazzjoni avvicina persuna ohra b'arma regolari u tah daqqa f'zaqqu fejn giet ikkawzata ferita, huwa att barbaru u selvagg illi ma jista qatt jigi tollerat fis-socjeta Maltija u l-Qorti hawnhekk trid tibghat messagg illi dawn it-tipi ta' agressjoni qatt ma ser ikunu tollerati mill-Qorti u hadd mhu se jsib xi spalla biex jevita r-responsabilitajiet ta' ghemilu fejn jirrigwarda feriti fuq persuni ohra.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s-Sentenza appellata fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet akkuza u cioe' ta' hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' Wayne Anthony Caruana, tikkonfermaha wkoll fejn sabet lill-appellat hati tar-raba' akkuza ta' ksur ta' buon ordni u paci pubblika, thassarha u tirrevokaha dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati li kkaguna fuq il-persuna ta' Caruana offiza ta' natura hafifa u minflok wara illi rat l-Artikoli 214, 216, 217, 41 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hati ta' l-ewwel akkuza dik ta' tentattiv ta' offiza gravi, thassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' multa ta' €200 u wara li rat il-fedina penali rifrettarja ta' l-appellat tikkundannah ghall- piena ta' prigunerija effettiva ta' 18 –il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------